Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Il-President

Brussell, 4 ta' Lulju 2023
PCab/SoB/ssch DEC 253/2023

**Regolament 6/2023**

**tal-4 ta' Lulju 2023**

**dwar miżuri ta' trasparenza fil-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni skont il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza**

IL-BUREAU TAL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

WARA LI KKUNSIDRA t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea[1], u b'mod partikolari l-Artikoli 305, 306 u 307 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRA l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Interistituzzjonali"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu[2],

WARA LI KKUNSIDRA r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3],

1 ĠU C 202, 7.6.2016, p. 47
2 ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1.
3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1

| | |
|---|---|
| WARA LI KKUNSIDRA | r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ("ir-Regoli ta' Proċedura)[4], u b'mod partikolari l-Artikoli 37, 39, 40, u 69 tagħhom, |
| WARA LI KKUNSIDRA | l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kumitat, u b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 6 tiegħu, |

BILLI:

(1) Skont l-Artikolu 11(1) u (2) tat-TUE, l-istituzzjonijiet iridu, "permezz ta' mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jgħarrfu u jiskambjaw pubblikament l-opinjonijiet tagħhom fl-oqsma ta' azzjoni kollha tal-Unjoni" kif ukoll "iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili".

(2) Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat") jimpenja ruħu li jiżgura t-trasparenza tad-deċiżjonijiet u l-attivitajiet tiegħu b'mod kemm jista' jkun miftuħ.

(3) Fi ħdan l-istruttura istituzzjonali Ewropea, ir-rwol konsultattiv tal-Kumitat jippermetti lill-awtoritajiet sottonazzjonali jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan l-għarfien espert u l-isforz li tinstab konverġenza permezz ta' dawn id-diskussjonijiet u negozjati jtejbu l-kwalità u l-kredibbiltà tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea, b'tali mod li dan il-proċess jinftiehem u jsir aċċettat aktar miċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll tiżdied it-trasparenza li tant hija meħtieġa għad-demokrazija. Il-Kumitat, bħala forum ta' dibattitu u lok fejn jitħejjew l-Opinjonijiet u r-Rapporti, jgħin biex jissaħħu l-kredenzjali demokratiċi tal-proċess tal-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea.

(4) Skont l-Artikolu 4 tat-Ftehim Interistituzzjonali, l-attivitajiet ta' għadd ta' atturi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Reġistru tat-Trasparenza tal-UE, bħal dawk imwettqa mill-partiti politiċi, l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, inklużi r-rappreżentanzi permanenti u l-ambaxxati tagħhom, fil-livell nazzjonali u sottonazzjonali, jew minn assoċjazzjonijiet u networks ta' awtoritajiet pubbliċi fil-livell tal-UE, nazzjonali jew sottonazzjonali. Il-persunal u l-membri ta' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-UE huma esklużi mill-kunċett ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess meta jittrattaw mal-Kumitat. Ċerti attivitajiet oħra huma esklużi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Reġistru tat-Trasparenza, b'mod partikolari meta attur ikollu biss potenzjal ta' influwenza indiretta, bħall-sperti li jressqu kontributi biex iwieġbu talbiet diretti u speċifiċi mir-relaturi tal-Kumitat għal informazzjoni fattwali, data jew għarfien espert, jew meta jingħata kontribut permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

(5) Għaldaqstant, il-miżuri ta' trasparenza li ġejjin inżammu fir-rigward tal-membri li jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-Kumitat: stedina għall-membri fil-kariga u r-relaturi tal-Kumitat biex jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jkunu rreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza; l-obbligu għall-membri fil-kariga u r-relaturi biex jippubblikaw online l-lista tal-laqgħat mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess; l-inklużjoni, fuq bażi volontarja, ta' "impronta leġiżlattiva" fil-fajl tal-Opinjonijiet u r-Rapporti tal-Kumitat; u

4 ĠU L 472, 30.12.2021, p. 1

stedina għall-membri fil-kariga u r-relaturi biex iħeġġu partijiet interessati biex jirreġistraw fir-Reġistru tat-Trasparenza.

(6) Bl-adozzjoni ta' dawn il-miżuri, il-Bureau għandu l-għan li jistabbilixxi l-pedamenti għal politika ta' trasparenza mtejba.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-Kumitat għandu jipparteċipa fuq bażi volontarja fir-Reġistru tat-Trasparenza stabbilit permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea u josserva l-prinċipji tiegħu.

2. L-involviment tal-Kumitat fir-Reġistru tat-Trasparenza għandu jseħħ permezz tal-miżuri deskritti fl-Artikoli 3, 4 u 5.

*Artikolu 2*

Għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Membru tal-Kumitat fil-kariga" tfisser il-president, l-ewwel viċi president, il-presidenti tal-gruppi politiċi u l-presidenti tal-kummissjonijiet.

(b) "Relaturi" tfisser il-membri li jkunu nħatru kif dovut skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 43 u 60 tar-Regoli ta' Proċedura biex ifasslu abbozz ta' opinjoni jew ta' rapport.

(c) "Laqgħa" tfisser laqgħa bilaterali organizzata fuq l-inizjattiva ta' rappreżentant ta' grupp ta' interess jew ta' membru fil-kariga tal-Kumitat biex tiġi diskussa kwistjoni b'rabta mat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika fl-UE.

(d) "Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp, assoċjazzjoni jew network formali jew informali, li tinvolvi ruħha f'attivitajiet koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza.

*Artikolu 3*

1. Il-membri fil-kariga u r-relaturi tal-Kumitat għandhom jadottaw il-prattika li jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jkunu rreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza.

2. Meta l-membri fil-kariga u r-relaturi tal-Kumitat jiltaqgħu ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li mhumiex irreġistrati, huma għandhom jippromovu r-Reġistru tat-Trasparenza u jispjegaw il-vantaġġi tar-reġistrazzjoni sabiex tittejjeb it-trasparenza fil-livell tal-UE u jingħataw aktar opportunitajiet biex jippreżentaw il-pożizzjonijiet tagħhom lill-istituzzjonijiet tal-UE.

*Artikolu 4*

1. Il-membri fil-kariga u r-relaturi tal-Kumitat għandhom jippubblikaw l-informazzjoni dwar il-laqgħat kollha li jkollhom ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali. Is-segretarjat ġenerali għandu jipprovdi l-infrastruttura meħtieġa fis-sit web tal-Kumitat.

2. L-informazzjoni li għandha ssir pubblika għandha tikkonsisti fid-data tal-laqgħa, il-post, l-isem tal-membru fil-kariga jew tar-relatur tal-Kumitat, l-isem tar-rappreżentant ta' grupp ta' interess u s-suġġett tal-laqgħa.

*Artikolu 5*

Fl-Appendiċi għal dan ir-Regolament, jiġi stabbilit mudell għal "impronta leġiżlattiva" volontarja, li jiġbor lista mhux eżawrjenti ta' organizzazzjonijiet u individwi li r-relatur ikun irċieva kontribut mingħandhom fit-tfassil tal-Opinjoni jew tar-Rapport. Din l-impronta leġiżlattiva għandha titfassal taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-relatur u tiġi mehmuża mal-fajl tal-Opinjonijiet jew ir-Rapporti fuq bażi purament volontarja.

*Artikolu 6*

1. L-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(2) għandha tiġi ppubblikata f'format standardizzat fuq il-paġni web tal-membri tal-Kumitat fi żmien xahrejn wara l-laqgħa.

2. L-informazzjoni tista' ma tiġix ippubblikata f'każ li tkun ta' ħsara għall-protezzjoni ta' xi wieħed mill-gruppi ta' interess msemmija fl-Artikolu 4(1), (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, b'mod partikolari l-ħajja, l-integrità jew il-privatezza ta' individwu, il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-UE, l-istabbiltà tas-suq jew informazzjoni kummerċjali sensittiva, il-kondotta adatta ta' proċedimenti tal-qorti jew spezzjonijiet, investigazzjonijiet, awditi jew proċeduri amministrattivi oħra; jew il-protezzjoni ta' xi interess pubbliku importanti ieħor rikonoxxut fil-livell tal-UE.

3. Ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess għandhom jiġu infurmati bil-fatt li l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(2) tkun se ssir pubblika.

4. L-ismijiet ta' individwi (li jaġixxu f'isem rappreżentanti ta' gruppi ta' interess) jew uffiċjali tal-Kumitat li jattendu l-laqgħat ma għandhomx isiru pubbliċi sakemm ma jkunux taw il-kunsens tagħhom mingħajr ambigwità.

*Artikolu 7*

1. Fir-relazzjonijiet mal-Bord tat-Tmexxija u s-Segretarjat tar-Reġistru tat-Trasparenza, il-Kumitat għandu jkun rappreżentat mis-Segretarju Ġenerali.

2. Is-Segretarju Ġenerali għandu jieħu l-miżuri li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Lulju 2023.

iffirmat

Vasco Alves Cordeiro

Appendiċi

| ***"Impronta leġiżlattiva" volontarja (kampjun)*** |
|---|

*LISTA TA' RAPPREŻENTANTI TA' GRUPPI TA' INTERESS*
*MINGĦAND MIN IR-RELATUR IRĊIEVA KONTRIBUT*

*Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-relatur. Ir-relatur irċieva kontribut mir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li ġejjin (organizzazzjonijiet u/jew individwi b'impjieg indipendenti) fit-tħejjija [tal-Opinjoni/tar-Rapport]:*

| *Organizzazzjonijiet u/jew individwi b'impjieg indipendenti* |
|---|
| |
| |
| |

***Nota ta' spjegazzjoni dwar l-użu ta' dan l-Anness***

1. *Dan l-Anness jimtela fuq bażi purament volontarja.*
2. *Jimtela taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-relatur. Il-lista m'għandhiex għalfejn tkun eżawrjenti. L-entrati fil-lista kif preżentati mir-relatur mhux se jiġu vverifikati mis-segretarjat.*
3. *L-ismijiet ta' individwi li jaġixxu f'isem organizzazzjonijiet jew individwi b'impjieg indipendenti għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness biss jekk ikunu taw il-kunsens tagħhom mingħajr ambigwità. Huwa u jinkludi l-ismijiet tal-individwi fl-Anness, ir-relatur jirrikonoxxi li l-individwi elenkati jkunu ġew infurmati b'mod adegwat, u jaqblu, dwar l-iżvelar ta' isimhom fil-pubbliku.*
4. *L-Anness jiġi inkluż fil-fajl relatat mal-Opinjoni jew ir-Rapport biss meta jimtela u jitressaq mir-relatur sal-iskadenza applikabbli.*
5. *Is-segretarjat se jinforma lir-relatur dwar l-iskadenza applikabbli għas-sottomissjoni tal-Anness, jiġifieri, meta l-abbozz ta' rapport jew ta' opinjoni tiġi ppreżentata għat-traduzzjoni.*
6. *Is-segretarjat għandu jinforma lir-relatur dwar in-natura volontarja u l-użu ta' dan l-Anness u jipprovdilu l-mudell adegwat.*
7. *Il-kontenut tal-lista mhux se jiġi tradott.*

_____________